VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,467, 25 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 287 tal-2015

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Ordni tal-2015 dwar Eżenzjoni ta' Apparat ta' Radjokomunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 33 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2015 dwar Eżenzjoni ta' Apparat ta' Radjokomunikazzjoni.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx titlob xort'oħra:

"Konvenzjoni SOLAS" tfisser *International Convention for the Safety of Life at Sea*, li ġiet iffirmata f'Londra fl-1 ta' Novembru, 1974, u l-Protokoll li jinsab magħha ffirmat f'Londra fis-17 ta' Frar, 1978, kif emendat;

"*network* satellitari" tfisser sistema spazjali li tagħmel użu minn xi satellita artifiċjali waħda jew akter jew ta' partijiet minn dik is-sistema, li tkun tikkonsisti f'satellita waħda biss u stazzjonijiet tal-art f'koperazzjoni magħha;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet;

"ir-Regolamenti R&TTE" tfisser ir-Regolamenti dwar Tagħmir tar-Radju u Tagħmir Terminali ta' Telekomunikazzjoni u r-Rikonoxximent Reċiproku tar-Regolamenti ta' Konformità tagħhom; L.S. 427.41.

"Regolamenti dwar Tagħmir Marittimu" tfisser ir-Regolamenti dwar Valutazzjoni ta' Konformità ta' Tagħmir Marittimu; L.S. 427.60.

"servizz mobbli" għandha l-istess tifsira bħal ma għandha fil-Pjan ta' Frekwenzi tar-Radju Nazzjonali li jinsab fis-seħħ bħalissa;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"servizz ta' satellita mobbli" jew "MSS" għandha l-istess tifsira bħal ma għandha fil-Pjan ta' Frekwenzi tar-Radju Nazzjonali li jinsab fis-seħħ bħalissa;

"spazju" tfisser kull radjokomunikazzjoni li tinvolvi l-użu ta' xi stazzjon spazjali wieħed jew aktar jew l-użu ta' satellita li tirrifletti waħda jew aktar jew ta' oġġetti oħra fl-ispazju;

"terminali mobbli" tfisser terminali fis-servizz mobbli maħsub biex jintuża waqt moviment jew waqt waqfiet f'postijiet mhux speċifikati;

"terminali MSS" tfisser terminali fis-servizz mobbli bis-satellita maħsub biex jintuża waqt moviment jew waqt waqfiet f'postijiet mhux speċifikati; u

"terrestri" tfisser kull radjokomunikazzjoni oħra li mhix spazju u radjo-astronomija.

Kif japplika dan l-Ordni.

3. Dan l-Ordni japplika għal kull apparat imsemmija fl-Anness li jinsab ma' dan l-Ordni ħlief għat-terminali MSS installati permanentement fuq bastimenti li jidħlu fl-iskop tal- Konvenzjoni SOLAS u terminali MSS installati permanentement fuq inġenji tal-ajru.

Eżenzjoni.

4. Il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, b'dan jordna li l-apparat ta' radjokomunikazzjoni li jinsab imniżżel fl-Anness ma' dan l-Ordni jkun eżenti mill-ħtiġiet tal-artikolu 30 tal-Att li jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi:

Kap. 399.

L.S. 427.41.
L.S. 427.60

Iżda dak l-apparat għandu jkun konformi mar-Regolamenti R&TTE jew mar-Regolamenti dwar Tagħmir Marittimu:

Iżda wkoll dak l-apparat għandu jkun jopera taħt il-kontroll ta' *networks* tal-art jew satellitari, li jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'dawk il-bandi ta' frekwenza jew partijiet minnhom li qegħdin jiġu elenkati fl-Anness li jinsab ma' dan l-Ordni.

Revoka ta' L.S. 49.07

5. L-Ordni dwar Eżenzjoni ta' Apparat ta' Radjokomunikazzjoni, għandu jiġi revokat.

ANNESS MAL-ORDNI DWAR EŻENZJONI TA' APPARAT TA' RADJOKOMUNIKAZZJONI

(Artikolu 4)

Lista ta' Apparat tar-radjokomunikazzjoni li hu eżentat mill-ħtiġiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-artikolu 30 tal-Att li jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi

Banda ta' frekwenza	**Tip ta' apparat**	**Tip ta' radjokomunikazzjoni**
790-862 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
880-915 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
925-960 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
1518-1525 MHz	Terminali MSS	Spazju (mill-ispazju-lejn-id-Dinja)
1525-1544 MHz	Terminali MSS	Spazju (mill-ispazju-lejn-id-Dinja)
1545-1559 MHz	Terminali MSS	Spazju (mill-ispazju-lejn-id-Dinja)
1610-1626.5 MHz 1613.8-1626.5 MHz	Terminali MSS	Spazju (mid-Dinja-lejn-l-ispazju) Spazju (mill-ispazju-lejn-id-Dinja fuq baži sekondarja)
1626.5-1645.5 MHz	Terminali MSS	Spazju (mid-Dinja-lejn-l-ispazju)
1646.5-1660.5 MHz	Terminali MSS	Spazju (mid-Dinja-lejn-l-ispazju)
1670-1675 MHz	Terminali MSS	Spazju (mid-Dinja-lejn-l-ispazju)
1710-1785 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
1805-1880 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
1900-1980 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
1980.0-2010.0 MHz	Terminali MSS	Spazju (mid-Dinja-lejn-l-ispazju)
2010-2025 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
2110-2170 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
2170-2200 MHz	Terminali MSS	Spazju (mill-ispazju-lejn-id-Dinja)
2483.5-2500 MHz	Terminali MSS	Spazju (mill-ispazju-lejn-id-Dinja)
2500-2690 MHz	Terminali mobbli	Terrestri

VERŻJONI ELETTRONIKA

3400-3600 MHz	Terminali mobbli	Terrestri
3600-3800 MHz	Terminali mobbli	Terrestri